# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Citaz.  numru:  748/93D1 NA**

**Rose, xebba;  Stella, xebba; Mary, xebba;  Ganni, Carmen mart Anthony Cutajar u Rita mart Felix Cutajar, ilkoll ahwa Farrugia u l-istess Anthony Cutajar u Felix Cutajar bhala kapijiet tal-komunjoni ta' l-akkwisti w amministraturi tal-beni parafernali tar-rispettivi marthom**

**vs**

**1. Filippa armla ta' Spiridione Farrugia;**
**u**
**2. Filippa mart Guido Schembri u l-istess Guido Schembri bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti w amministratur tal-beni parafernali ta' martu**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fil-21 ta' Gunju tal-1993 quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fejn ippremettew:

"Illi fis-17 ta' Marzu 1974 miet intestat Spiridione Farrugia zewg il-konvenuta Filippa Farrugia u missier il-kontendenti l-ohra;

Illi nonostante li l-atturi fittxew li ssir divizjoni bonarja, tant li sahansitra anke tqabbad bi ftehim komuni Arkitett ghall-finijiet ta' stima tal-proprietajiet immobiljari, l-istess konvenuti rikjamati bosta drabi ghal dan l-istess skop, baqghu inadempjenti;

Illi l-istanti ma jridux jibqghu fi stat ta' komunanza mal-konvenuti u jridu li jigu assenjati lilhom is-sehem ereditarju mis-successjoni ta' missierhom;

TALBU li din il-Qorti:

1. tillikwida l-assi mobiljari w immobiljari ezistenti bejn id-defunt u l-konvenuta Filippa Farrugia;

2. tassenja l-assi hekk likwidati kwantu ghal nofs (½) lill-konvenuta Filippa armla Farrugia w in-nofs l-iehor lill-atturi w il-konvenuta Filippa mart Guido Schembri;

3. tillikwida l-assi parafernali tad-decujus;

4. tillikwida u tassenja l-assi hekk likwidati tad-decujus, konsistenti fin-nofs tal-komunjoni ta' l-akkwisti u f'dawk parafernali, f'ishma ta' settima parti (1/7) kull wiehed u wahda, lill-ulied;

5. tinnomina okkorrendo periti ghal-likwidazzjoni u divizjoni u/jew licitazzjoni mehtiega;

6. tinnomina Nutar Pubbliku ghal-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv;

7. kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali tad-29 ta' Lulju 1991 u 17 ta' Lulju 1992 u ta' l-ittri legali tal-11 ta' Lulju 1991, 18 ta' Ottubru 1991, 7 ta' Novembru 1991, 8 ta' Novembru 1991, 5 ta' Dicembru 1991, 18 ta' Dicembru 1991, 9 ta' Jannar 1992, 3 ta' Frar 1992, 9 ta' April 1992, 14 ta' Mejju 1992, 26 ta' Gunju 1992, 24 ta' Lulju 1992, 18 ta' Awissu 1992, 15 ta' Ottubru 1992, 19 ta' Novembru 1992, 21 ta' Dicembru 1992 u 12 ta' Frar 1993, kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti esebiti partikolarment ir-rapport tal-A.I.C. Michael Angelo Refalo tat-2 ta' Dicembru 1991.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti tal-5 ta' Ottubru 1993 fejn eccepew:

1. “Illi l-eccipjenti ma joggezzjonawx ghad-divizjoni ta' l-assi ereditarji ta' Spiridione Farrugia, wara li jigi stabbilit il-kontenut tieghu. Barra dan il-qasma ssir skond il-ligi u basta wkoll illi l-konvenuta Filippa Farrugia, omm il-kontendenti l-ohra kollha, li llum ghand sitta u sebghin

sena, u kwazi ghamja ghal kollox, tibqa' tabita fid-dar ta' abitazzjoni prezenti taghha;

2. Illi trid tigi likwidata l-assi parafernali tal-konvenuta Filippa Farrugia u dan jigi assenjat lilha;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom u l-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tal-11 ta' Mejju 1994 din il-Qorti, ukoll diversament presjeduta, nnominat lill-Avukat Dottoressa Irene Bonello bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata u dana wara li l-konvenuti, tramite d-difensur taghhom, qablu ma' dak iddikjarat fin-nota ta' l-atturi tal-25 ta' Frar 1994 illi l-assi tad-defunt Spiridione Farrugia kienu dawk kif denunzjati fid-denunzja tieghu. Il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif presjeduta fit-3 ta' Lulju 1996 u r-relazzjoni giet mahlufa fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 1997. Fis-seduta tat-2 ta' April 1998 id-difensur tal-konvenuti talab li jeskuti lill-Perit Legali, liema eskussjoni saret fis-seduta tal-1 ta' Lulju 1998.

Ikkunsidrat:-

Illi ghandu jinghad minn issa (salv ghal materja ohra li giet imqajma mill-konvenuti ferm aktar tard f'dawn l-atti) illi l-eskussjoni tal-Perit Legali kienet immirata unikament biex jigi stabbilit id-dritt ta' l-armla o meno li tkompli tabita fid-dar konjugali, koncett legali ntrodott bl-Att XXI tal-1993 li dahal in vigore fl-1 ta' Dicembru ta' dik is-sena u li llum jifforma parti mill-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fl-Artikolu 633A tal-Kodici Civili. Skond infatti dak iddikjarat mill-istess difensur tal-konvenuti matul l-eskussjoni "*.....dan li qed nitkellmu fuqu llum jigifieri d-domanda l-unika domandi li ser naghmel fuq din in-naha Sur Imhallef huma fuq dan il-punt biss, il-bqija jigifieri nirrimetti ruhi ghar-rapport, fuq dan il-punt jekk l-armla una volta r-ragel taghha miet 17-il sena ilu, illum la darba l-Qorti qed tigi mitluba biex tippronunzja ruhha llum, u tordna lic-citazzjoni, japplikax dan, dan in poche parole hija l-kwistjoni.*"

Effettivament il-Perit Legali kienet fil-paragrafi 3.2 u 3.3 tar-rapport taghha (fol. 54 sa 57 tal-process) tat il-parir li l-ewwel erba' talbiet, is-sitt u s-seba' talba attrici u l-hames talba in parte kellhom jigu milqugha. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti w ukoll it-tieni eccezzjoni kellhom jigu wkoll milqugha kif indikat fil-paragrafu 3.3, "*hlief ghar-rikjesta tal-*

*konvenuti u cioe' li l-konvenuta Filippa Farrugia tibqa' tghix fid-dar ta' abitazzjoni prezenti.*" Skond il-Perit Legali dan id-dritt moghti bl-Artikolu 633A tal-Kodici Civili ma kienx japplika ghall-kaz in ezami stante "..... *li Spiridione Farrugia miet fis-17 ta' Marzu 1974 u stante li l-imsemmi Artikolu 633A tal-Kodici Civili (Kap. 16) dahal in vigore fl-1 ta' Dicembru 1993 cioe' oltre dsatax-il (19) sena wara l-mewt ta' Spiridione Farrugia u ma japplikax retrospettivament peress li l-Att XXI tal-1993, li bih l-imsemmi Artikolu 663A gie ntrodott, ma jsemmi minkien l-applikazzjoni retrospettiva ta' dan l-Artikolu*." Hija kienet baqghet ta' l-istess fehma, anzi semmai approfondiet il-hsieb taghha, anke fl-eskussjoni li saritilha.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-konkluzjoni tal-Perit Legali giet ikkritikata b'nota tal-konvenuti tad-19 ta' April 1999 li ghaliha saret nota responsiva ta' l-atturi fil-21 ta' April 1999 liema risposta tindika wkoll id-dubbju konsiderat ta' l-istess atturi (espress ghan-nom taghhom mill-abbli difensur) dwar l-applikazzjoni o meno b'mod retroattiv ta' dan il-provvediment tal-ligi.

Fis-seduta, invece, tal-10 ta' Novembru 1999 id-difensur tal-konvenuti talab, u gie lilu koncess, il-fakolta' li jaghmel nota ta' kritika ulterjuri. Dina saret fl-10 ta' Dicembru 1999 fejn gie sollevat l-allegat dritt tal-konvenuta Filippa Farrugia ghall-uzufrutt legali fuq nofs l-assi ereditarji tal-mejjet Spiridione Farrugia. Din il-pretensjoni giet serjament ikkontestata fin-nota responsiva ta' l-atturi tal-20 ta' Dicembru 1999.

Hlief pero' ghaz-zewg vertenzi fuq imsemmija jidher illi l-pjan ta' divizjoni/licitazzjoni propost mill-Perit Legali ma huwa bl-ebda mod ikkontestat mill-partijiet u ghalhekk f'dan ir-rigward dan ir-rapport sejjer jigi adottat minn din il-Qorti fl-intier tieghu salv ghal konsiderazzjonijiet li sejrin jissemmew.

Fil-mori tal-kawza, fiz-zmien pero' meta kienet diga' giet differita ghas-sentenza, u precizament fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2002, il-Qorti giet infurmata illi l-konvenuta Filippa Farrugia kienet mietet. Gie ghalhekk illi z-zewg punti ta' divergenza bejn il-partijiet waslu biex ikollhom valur biss akkademiku.

Il-Qorti ghalhekk dehrilha, bl-accettazzjoni ta' l-Avukati rispettivi, li kellha tastieni milli tiehu aktar konjizzjoni u dana minghajr ezami ulterjuri tal-kwistjoni ta' l-uzufrutt legali. Din il-materja qatt ma giet formolata f'eccezzjoni specifika u, in ogni caso, ezami taghha kien jirrikjedi gbir ulterjuri ta' provi fir-rigward tar-redditu tal-konvenuta, illum mejta, mill-beni taghha, inkluz il-parti taghha ta' l-akkwisti.

Il-kwistjoni, invece, tad-dritt ta' l-armla biex tirrisjedi fid-dar matrimonjali kien jisthoqqilha ezami ulterjuri, ukoll principalment wiehed li seta' biss ikollu rizultat akkademiku fil-meritu pero' li seta' jimpingi fuq l-ispejjez tal-kawza peress illi din l-eccezzjoni kienet inghatat formalment.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-materja kienet gia' giet ezaminata minn din il-Qorti fis-sentenza taghha "Josephine armla ta' Joseph Chircop et vs Saviour Chircop et" deciza fit-3 ta' Mejju 2000 (Citazzjoni Numru 672/87). F'dik il-kawza din il-Qorti kienet irriteniet illi:

> "*Din il-Qorti tistqarr li sabet diffikulta' kbira fis-soluzzjoni ta' din il-problema partikolari. Fil-fehma taghha (u forsi*

*kuntrarjament ghal dak indikat mill-partijiet fin-noti rispettivi taghhom) il-Qorti ma tantx sabet konfort fl-Artikolu 89 ta' l-Att XXI li jittratta d-disposizzjonijiet Transitorji. Filwaqt illi jidher illi l-legislatur ried jaghti l-aktar protezzjoni wiesgha lill-konjugi sopravissut u dana ghar-ragunijiet familjari u socjali lodevoli din il-Qorti ma tarax, kif fil-kaz prezenti, tista' takkorda dan id-dritt lill-attrici li, rizultat tieghu, tkun zgur qed tikkawza pregudizzju kbir lid-drittijiet kweziti ta' haddiehor u dana partikolarment in vista ta' l-interpretazzjoni minnha moghtija lill-Artikolu 836 tal-Kodici Civili fuq imsemmi*".

Ikkunsidrat:-

Dan il-provvediment tal-ligi huwa mhux biss wiehed sostantiv izda jinstab ukoll fid-disposizzjonijiet tat-Titolu III Fuq Is-Successjoni. Huwa ghalhekk ma jistax jinqara wahdu izda jrid jigi interpretat f'unjoni mal-provvedimenti l-ohra fil-materja, fosthom dak kontenut fl-Artikolu 836 tal-Kodici Civili li jipprovdi:

"**836** *Il-pussess ta' hwejjeg il-mejjet ighaddi, bis-sahha tal-ligi, b'mod ta' kontinwazzjoni, fil-werriet, sew*

*jekk testamentarju jew legittimu, bl-obbligu li jhallas il-pizijiet kollha tal-wirt.*"

Ghandu jkun ovvju illi dan id-dritt ta' l-armla ma jistax jitqies bhala piz ta' wirt meta l-hwejjeg tal-mejjet ghaddew fuq il-werrieta diversi snin qabel ma giet promulgata l-ligi in kwistjoni. Kontra dan il-provvediment specifiku tal-ligi l-konvenuti jsemmu l-Artikolu 89 ta' l-Att XXI tal-1993 li jittratta l-provvedimenti Tranzitorji. Sentenzi finali tal-Qorti jsiru *res judicata* bejn il-partijiet u drittijiet minnhom akkwistati ma jistghu jigu mnehhija b'legislazzjoni sussegwenti. Dan pero' ma jfissirx, b'riferenza ghal dan l-Artikolu partikolari, illi kull ligi ghandha effett retroattiv hlief fejn ikun hemm sentenza definittiva kif donnhom qed jargumentaw il-konvenuti. Ghall-kuntrarju l-gurisprudenza u l-awturi fil-materja jsostnu illi normalment drittijiet sostantivi ma ghandux ikollhom effett retroattiv hlief fejn ikunu ta' Ordni Pubbliku. Li l-kaz in ezami ma jaqax taht din il-kategorija jemergi b'mod car mis-sub-artikolu (7) ta' l-Artikolu 633A, peress illi li kieku l-legislatur ried li dan il-provvediment ikun wiehed ta' Ordni Pubbliku ma kienx jippermetti lill-partijiet biex jidderogaw minnu.

Ghal dawn ir-ragunijiet in aggiunta ma' dawk moghtija mill-Perit Legali din il-parti ta' l-ewwel eccezzjoni hija respinta bl-ispejjez.

Ukoll ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti, filwaqt li tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti bil-mod kif indikat fil-paragrafu 3.3 tar-relazzjoni peritali u tilqa' wkoll parti mill-ewwel eccezzjoni, fl-istess waqt tilqa' t-talbiet attrici u tordna l-likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' l-assi mobiljari w immobiljari tal-kontendenti kif issuggerit mill-Perit Legali fir-rapport 3.2 u 3.3 tar-rapport peritali taghha b'dan illi, kif minnha ssuggerit, fejn l-istess assi mhumiex komodament divizibbli ghandhom jinbieghu b'licitazzjoni skond il-ligi. Ghall-iskop tal-hames (5), sitt (6) u seba' (7) talbiet tinnomina lill-A.I.C. Michael Angelo Refalo bhala Perit stimatur, lin-Nutar Dottor Joseph Darmanin ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv u lill-Avukat Dottor Chris Cilia biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci.

L-ispejjez kollha tal-kawza nkluzi dawk tan-nomini hawn fuq maghmulha jithallsu skond id-decide tnejn minn hamsa (2/5) mill-atturi u tlieta minn hamsa (3/5) mill-konvenuti, hlief ghal

dawk tal-kuratur ghall-kontumaci biss f'kaz ta' kontumaci, liema spejjez allura jithallsu minn min effettivament ikun kontumaci.

Deputat Registratur

rf.